**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 91/18AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta' Dicembru, 1985 [**Dok. A**].

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-14 ta' Lulju, 2015, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Margaret Heywood [**Dok. B**].

3. Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba' snin separati *de facto*, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

4. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment.

5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg bejniethom.

Talab prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi, l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Dicembru, 1985.
2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha iddikjarat :

1. Illi l-partijiet ilhom separati de facto iktar minn 4 snin;
2. Illi l-attur jghaddi manteniment lill-esponenti personalment b'mod regolari ai termini tal-Kuntratt ta' Separazzjoni datat 14 ta' Lulju 2015 (Dok B);
3. Illi l-attur jghaddi l-manteniment ghall-minuri Kelton b'mod regolari ai termini tal-Kuntratt ta' Separazzjoni gia esebit in atti bhala Dok B;
4. Illi m'hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghalhekk l-esponenti ma ssib ebda oggezzjoni illi jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Salv kull provvediment illi dina il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Marzu, 2018;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Lulju 2015 u de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.